MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Talba Numru. 745/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Windsor Business Limited (C29925M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hames mitt ewro (€500) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq *Client Contract Number* 1008972 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata w lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-prokuratur legali Peter Paul Sammut fit-8 ta' April, 2010 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------